

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Il-qorti Ta' Liema Pajjiż Hija Responsabbli?](#) > [Northern Ireland](#)

Il-qorti ta' liema pajjiż hija responsabbli?

L-Irlanda ta' fuq

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Fejn għandi nippreżenta rikors: quddiem qorti ċivili ordinarja jew quddiem qorti speċjalizzata (pereżempju qorti industrijali)?

Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' materji ċivili jew kummerċjali huma ttrattati fil-Qorti Għolja tal-Irlanda ta' Fuq (High Court of Northern Ireland) jew fil-Qorti tal-Kontea (County Court). Il-qorti tal-maġistrati għandhom ġurisdizzjoni f'xi materji ċivili, bħall-irkupru ta' dejn minuri u kawżi familjari u domestiċi.

Hemm għadd ta' qorti statutorji li jitrattaw suġġetti varji bħall-immigrazzjoni, it-taxxa, is-saħħa mentali, il-benefiċċji soċjali u t-trasport. Xi qorti jeżerċitaw ġurisdizzjoni fir-Renju Unit kollu u informazzjoni dwar dawn tista' tinstab fuq is-sit web tas-Servizz tal-Qorti u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Courts and Tribunals Service). Oħrajn, bħall-Qorti tal-Appell Industrijali (Fair Employment Tribunal) u l-Qorti Industrijali (Industrial Tribunal) li jitrattaw ċerti materji ta' impjieg, jeżerċitaw ġurisdizzjoni fl-Irlanda ta' Fuq biss.

Spiss il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni ma tkunx sempliċi. Għalhekk, huwa dejjem rakkomandat li wieħed jikkonsulta avukat qabel ma jibda proċedimenti legali.

2 Meta l-qorti ċivili ordinarji jkollhom il-ġurisdizzjoni (jiġifieri jkunu l-qorti responsabbli għal każijiet bħal dawn) kif nista' nkun naf f'liema qorti għandi nagħmel ir-rikors?

2.1 Issir distinzjoni bejn il-qorti ċivili ordinarji inferjuri u superjuri (pereżempju qorti distrettwali bħala qorti inferjuri u qorti reġjonali bħala qorti superjuri) u jekk issir, liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi?

Għandek dejjem tiegħu parir legali dwar liema qorti hija dik ġusta biex tibda l-proċedimenti quddiemha.

Jekk it-talba tiegħek hija għal somma ta' inqas minn £30 000 u hija għal danni kkawżati minn negliġenza jew għal ksur ta' kuntratt, il-proċedimenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Kontea (County Court) sakemm ma tingħatax parir mod ieħor. Kwalunkwe talba bħal din għal aktar minn £30 000 għandha ssir fil-Qorti Għolja (High Court).

Ċerti talbiet għal mhux aktar minn £3 000 jistgħu jiġu kkunsidrati fil-Qorti tal-Kontea (County Court) bl-użu tal-proċedura għal talbiet żgħir li tipprovdni mod sempliċi u informali għas-soluzzjoni tat-tilwim, ħafna drabi mingħajr il-ħtieġa ta' avukat. Fuljett ta' informazzjoni dwar il-proċedura għal talbiet żgħir huwa disponibbli fuq is-sit web tas-Servizz tal-Qorti u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Courts and Tribunals Service).

Materji familjari u domestiċi jistgħu jiġu ttrattati jew fil-qorti tal-maġistrati (magistrates' court), fil-Qorti tal-Kontea (County Court) jew fil-Qorti Għolja (High Court), skont in-natura tal-kawża.

2.2 Ġurisdizzjoni territorjali (liema qorti tkun kompetenti biex tisma' l-każ tiegħi, il-qorti tal-belt A jew dik tal-belt B?)

2.2.1 Ir-regola bażika tal-ġurisdizzjoni territorjali

Il-qorti tal-maġistrati (magistrates' courts) u l-Qorti tal-Kontea (County Court) jeżerċitaw ġurisdizzjoni fl-Irlanda ta' Fuq kollha. Il-qasam li fih dawn il-qorti huma normalment attivi jiġi ddeterminat b'referenza għal tliet Sezzjonijiet tal-Qorti Amministrattiva. Il-Gwida tal-Qorti Amministrattiva tista' titniżżel mis-sit web tal-NICTS fuq <http://www.courtsni.gov.uk/en-GB/Documents/Single%20Jurisdiction%20Internet%20Info%20Agreed.pdf>

Il-Qorti Għolja (High Court) teżerċita ġurisdizzjoni fl-Irlanda ta' Fuq kollha.

2.2.2 Eċċezzjonijiet għar-regola bażika

2.2.2.1 Meta nkun nista' nagħżel bejn il-qorti fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti li tiġi ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika) u qorti oħra?

Ġeneralment, il-proċedimenti għandhom jinbnew fil-qorti li tkopri ż-żona li fiha l-intimat jgħix jew iwettaq in-negozju tiegħu jew f'qorti li tkopri ż-żona li fiha tkun seħħet l-azzjoni li tagħti lok għall-proċedimenti (għalkemm teknikament, dawn jistgħu jinbnew fi kwalunkwe Sezzjoni).

Materji kuntrattwali - il-post tal-qorti jiddependi fuq in-natura tal-kuntratt. Pereżempju, tilwima relatata ma' kuntratt ta' impjieg tista' tkun materja għall-Qorti tal-Kontea (County Court) jew tista' tkun materja għall-Qorti Industrijali (Industrial Tribunal).

Materji familjari u domestiċi, bħal dawk relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri, jinstemgħu fil-qorti tal-maġistrati (magistrates' court), fil-Qorti tal-Kontea (County Court) jew fil-Qorti Għolja (High Court) skont in-natura tal-każ.

It-talbiet għall-obbligi huma ttrattati skont ir-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali, bħalma huma wkoll it-talbiet ċivili li jirriżultaw minn proċedimenti kriminali. Madankollu, hemm ukoll skema għall-kumpens tal-vittmi tal-kriminalità u aktar informazzjoni tinsab fuq is-sit web tas-Servizzi ta' Kumpens (Compensation Services) (ara l-link hawn taħt).

2.2.2.2 Meta jkun meħtieġ li nagħżel qorti differenti minn dik fil-post fejn jgħix l-intimat (il-qorti ddeterminata skont l-applikazzjoni tar-regola bażika)?

Ma hemm ebda rekwiżit bħal dan. Il-proċedimenti jistgħu jinbnew fi kwalunkwe Sezzjoni tal-Qorti Amministrattiva irrispettivament mis-suġġett (għalkemm ġeneralment, dawn jinbnew fis-Sezzjoni li tkopri ż-żona li fiha l-intimat jgħix jew iwettaq in-negozju tiegħu jew li tkopri ż-żona li fiha sseħħ l-azzjoni li tagħti lok għall-proċedimenti).

2.2.2.3 Il-partijiet jistgħu jagħtu l-ġurisdizzjoni lil qorti li altrimenti ma tkunx kompetenti?

Il-partijiet ma jistgħux jagħtu ġurisdizzjoni lil qorti.

3 Meta l-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti speċjalizzati, kif nagħmel biex inkun naf quddiem liema qorti għandi nippreżenta r-rikors?

L-informazzjoni dwar il-qorti li għandhom ġurisdizzjoni fir-Renju Unit kollu tista' tinstab fuq is-siti web tas-Servizz tal-Qorti għall-Ingilterra u Wales (Court Service for England and Wales) u tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-fuljetti ta' informazzjoni dwar il-qorti fl-Irlanda ta' Fuq jistgħu jinstabu fuq is-sit web tas-Servizz tal-Qorti u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Courts and Tribunals Service).

Informazzjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Industrijali (Industrial Tribunal) u tal-Qorti tal-Appell Industrijali (Fair Employment Tribunal) tinsab fuq is-sit web tal-Qorti Industrijali (Industrial Tribunal) u tal-Qorti tal-Appell Industrijali (Fair Employment Tribunal).

Links relatati

[Is-Servizz tal-Qorti u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq \(Northern Ireland Courts and Tribunals Service\)](#)

[Il-Qrati](#) (Is-Servizz tal-Qorti tal-Maestà tagħha - I-Ingilterra u Wales (Her Majesty's Court Service - England and Wales))

[Qrati \(Il-Ministeru tal-Ġustizzja\)](#)

[Qrati Industrijali \(Industrial Tribunals\) u l-Qorti tal-Appell Industrijali \(Fair Employment Tribunal\)](#)

[Servizzi ta' Kumpens](#)

 L-aħħar aġġornament: 14/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.